# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

# MAZÁK

ippreżentati fit-13 ta' Diċembru 2007 [1]

1. Ir-rinviju preżenti huwa l-ewwel wieħed dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE ("id-direttiva"). [2]

2. Id-dispożizzjoni li għandha tiġi interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja hija l-Artikolu 20(1) ta' dik id-direttiva, li tikkonċerna l-aċċess liberu ta' terzi għal sistemi ta' trasmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku.

3. Id-domanda rrinvjata tqajjmet għaliex, taħt il-liġi Ġermaniża, sistemi ta' provvista ta' enerġija li jinstabu kompletament fil-bini ta' impriża (hekk imsejjħa "netwerks ta' tħaddim" jew "Betriebsnetze") jistgħu taħt ċerti ċirkostanzi jiġu eżentati inter alia mill-prinċipju ta' aċċess ta' terzi għan-netwerk.

4. Is-sistema inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija lokalizzata fl-ajruport ta' Leipzig/Halle u hija mħaddma mill-kumpannija li tiġġestixxi l-ajruport għall-provvista tagħha stess u dik ta' 93 impriża lokalizzati fl-ajruport.

## I — Il-leġiżlazzjoni rilevanti

### A — *Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

5. L-Artikolu 2 tad-Direttiva jagħti d-definizzjonijiet li ġejjin:

"5. "distribuzzjoni" tfisser it-trasport ta' l-elettriku fuq sistemi ta' distribuzzjoni ta' vultaġġ għoli, vultaġġ medju u vultaġġ baxx bil-ħsieb li dan jitqassam lill-klijenti, iżda ma jkunx jinkludi l-provvista;

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 — ĠU L 176, p. 37.

6. "operatur ta' sistema tad-distribuzzjoni" tfisser persuna naturali jew legali responsabbli għat-tħaddim, li tiżgura ż-żamma ta' u, jekk ikun meħtieġ, li tiżviluppa s-sistema ta' distribuzzjoni f'żona partikolari u, fejn ikun japplika, l-inter-konnetturi tagħha ma' sistemi oħra, kif ukoll li tiżgura l-abilità tas-sistema li tilħaq għal tul ta' żmien domandi raġonevoli għad-distribuzzjoni ta' l-elettriku;

[...]

26. "sistemi żgħar iżolati" tfisser kwalunkwe sistema b'konsum ta' inqas minn 3000 GWh fis-sena 1996, fejn inqas minn 5% tal-konsum annwali jkun inkiseb permezz ta' interkonnettività ma' sistemi oħra;

27. "sistemi iżolati żgħar ħafna" tfisser kwalunkwe sistema b'konsum ta' inqas minn 500 GWh fis-sena 1996, fejn ma jkun hemm l-ebda interkonnettività ma' sistemi oħra; [...]"

6. L-Artikolu 3(8) tad-direttiva jipprovdi kif ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6, 7, 20 u 22 kemm-il darba l-applikazzjoni tagħhom tkun tista' xxekkel il-prestazzjoni, fil-liġi jew fil-verità, ta' l-obbligi imposti fuq l-impriżi ta' l-elettriku fl-interess ekonomiku ġenerali, u kemm-il darba l-iżvilupp tas-sengħa ma jkunx affettwat b'tali mod li jkun imur kontra l-interessi tal-Komunità. L-interessi tal-Komunità jinkludu, fost oħrajn, il-kompetizzjoni dwar il-konsumaturi eliġibbli f'konformità ma' din id-direttiva u l-Artikolu 86 tat-Trattat."

7. L-Artikolu 13 tad-direttiva jipprovvdi:

"Il-ħatra ta' l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni

L-Istati Membri għandhom jaħtru jew jitolbu lill-impriżi li jkollhom jew li jkunu responsabbli minn sistemi ta' distribuzzjoni biex jinnominaw, għal perijodu ta' żmien li għandu jkun determinat mill-Istati Membri wara li dawn ikunu kkunsidraw l-effiċjenza u l-bilanċ ekonomiku, operatur jew aktar minn wieħed ta' sistema ta' distribuzzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni jkunu qed jaħdmu f'konformità ma' l-Artikoli 14 sa 16."

8. L-Artikolu 20 tad-direttiva jipprovdi kif ġej:

"L-Aċċess ta' terzi partijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' sistema ta' aċċess għal terzi partijiet lejn is-sistemi ta' trasmissjoni u distribuzzjoni bbażati fuq tariffi ppubblikati, li jkunu japplikaw għall-klijenti kollha eliġibbli u applikati b'mod oġġettiv u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tas-sistema. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn it-tariffi, jew il-metodoloġiji li jkunu moħbija fil-kalkoli tagħhom, ikunu approvati qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ f'konformità ma' l-Artikolu 23 u li dawn it-tariffi, u il-metodoloġiji — fejn il-metodoloġiji jkunu approvati — jiġu ppubblikati qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ.

2. L-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni jew distribuzzjoni jista' jirrifjuta l-aċċess fejn dan tkun tonqsu l-kapaċità neċessarja. Għal rifjut bħal dan għandhom jingħataw raġunijiet sostanzjati, b'mod partikolari wara li jkun ġie kkunsidrat l-Artikolu 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, fejn ikun xieraq u meta jseħħ dan ir-rifjut ta' l-aċċess, li l-operatur tas-sistema tat-trasmissjoni jew distribuzzjoni jipprovdi l-informazzjoni rilevanti fuq miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-infurzar tan-netwerks. Il-parti li tagħmel talba għal tali informazzjoni tista' tiġi ċċarġjata miżata raġonevoli li tkun tirrifletti n-nefqa biex tkun ipprovduta din l-informazzjoni."

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

9. Il-"Gesetz über die Elektrizitäts- und Gasversorgung" (Liġi dwar il-provvista ta' elettriku u ta' gass), li ssir referenza għaliha wkoll bħala "Energiewirtschafts-gesetz" ("EnWG"), hija l-parti prinċipali tal-leġiżlazzjoni li timplimenta d-direttiva 2003/54 fil-Ġermanja.

10. Il-punt 17 tal-Paragrafu 3 ("Definizzjonijiet") tal-EnWG jipprovdi kif ġej:

"'Sistemi ta' provvista ġenerali' għandha tfisser sistemi ta' provvista ta' enerġija, li l-funzjoni tagħhom tkun id-distribuzzjoni ta' enerġija lil terzi u li f'termini tad-daqs tagħhom ma jkunux mill-bidu nett iddisinjati biss biex ifornu konsumaturi finali speċifiċi li jkunu jeżistu jew ikunu identifikabbli diġà fiż-żmien tal-kostruzzjoni tas-sistema, imma li fil-prinċipju huma disponibbli biex ifornu lil konsumaturi finali kollha."

11. Il-paragrafu 20 tal-EnWG jistabbilixxi l-prinċipju ta' aċċess ta' terzi għal "sistemi ta' provvista ta' enerġija", fit-termini li ġejjin:

"Aċċess għal sistemi ta' provvista ta' enerġija

(1) Operaturi ta' sistemi ta' provvista ta' enerġija għandhom skond kriterji ġġustifikati oġġettivament jagħtu lil kulħadd aċċess għas-sistema tagħhom mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jippubblikaw fuq l-Internet il-kundizzjonijiet, inklużi kuntratti specimen, u tariffi għall-aċċess għal sistema bħal din. Sal-punt li jkun meħtieġ biex jiġi żgurat aċċess effiċjenti għas-sistema, huma għandhom l-obbligu li jikkoperaw. [...]

(2) Sal-punt li operaturi ta' sistemi ta' provvista ta' enerġija juru li, meta tingħata kunsiderazzjoni xierqa għall-għanijiet previsti fil-Paragrafu 1 ta' din il-Liġi, minħabba raġunijiet ta' tħaddim jew għal raġunijiet oħrajn la jkun possibbli u lanqas raġonevoli għalihom li jippermettu aċċess għas-sistema, huma għandhom jitħallew jirrifjutaw l-aċċess previst fis-subparagrafu (1). [...]"

12. Il-paragrafu 21 jistabbilixxi l-"Kundizzjonijiet u t-tariffi għal aċċess għas-sistema" u jipprovdi:

"(1) Kundizzjonijiet u tariffi għal aċċess għal sistema għandhom ikunu xierqa, mhux diskriminatorji, trasparenti u mhux inqas favorevoli minn dawk li fil-prattika jew għal skopijiet ta' infiq jiġu applikati u imposti minn operaturi ta' sistema f'sitwazzjonijiet komparabbli għal provvista tas-servizz fi ħdan l-impriża tagħhom jew lil impriżi konnessi jew assoċjati. [...]"

13. Il-paragrafu 110(1) tal-EnWG huwa dispożizzjoni li tikkonċerna speċifikament "netwerks ta' sit" ("Objektnetze"). Dan jipprovdi kif ġej:

"Il-partijiet 2 u 3 u l-paragrafi 4, 52 u 92 ta' din il-Liġi m'għandhomx japplikaw għat-tħaddim ta' sistemi ta' provvista ta' enerġija li

1. huma lokalizzati f'żona ta' tħaddim ġeografikament konnessa u li prinċipalment iservu biex ifornu l-bżonnijiet

ta' enerġija tal-impriża nnifisha jew ta' impriżi konnessi skond it-tifsira tal-punt 38 tal-Paragrafu 3 ta' din il-Liġi, [3]

2. huma lokalizzati f'żona privata ġeografikament konnessa u li jagħmluha possibbli għall-operatur tas-sistema jew għar-rappreżentant tiegħu sabiex jiġi segwit għan kummerċjali primarju komuni,

   a) li jmur lil hinn minn sempliċi arranġamenti ta' *leasing* jew ta' kiri, u

   b) li jkun mxekkel b'mod irraġonevoli bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-parti introduttiva ta' din is-sentenza, biex iforni konsumaturi finali identifikabbli b'enerġija [4]

jew

3. huma lokalizzati f'żona ġeografikament konnessa mill-qrib u jservu prinċipalment l-iskopijiet ta' awto-provvista, [5]

bil-kundizzjoni li s-sistema ta' provvista ta' enerġija ma sservix biex tipprovdi provvista ġenerali skond it-tifsira tal-punt 17 tal-Paragrafu 3 ta' din il-Liġi u li l-operatur tan-netwerk tas-sit jew ir-rappreżentant tiegħu għandhom dawk l-impjegati, u riżorsi tekniċi u ekonomiċi meħtieġa biex jiżguraw it-tħaddim fit-tul tas-sistema skond id-dispożizzjonijiet ta' din il-Liġi."

14. Jekk netwerk ta' sit jissodisfa il-kriterji stabbiliti fil-Paragrafu 110(1), (1) jew (2) jew (3) tal-EnWG diversi dispożizzjonijiet tal-EnWG ma jiġux applikati, inklużi dawk relatati mal-aċċess ta' terzi għan-netwerk.

3 — Dawn jissejjħu "netwerks ta' tħaddim" (Betriebsnetze).

4 — Dawn jissejjħu "netwerks ta' servizz" (Dienstleistungsnetze).

5 — Dawn jissejjħu "netwerks ta' awtoprovvista" (Eigenversorgungsnetze).

**II — Sfond fattwali, il-proċedura quddiem il-qorti nazzjonali u d-domanda rrinvjata**

15. Flughafen Leipzig/Halle GmbH (kumpannija tal-ajruport ta' Leipzig/Halle iktar 'il quddiem "FLH") topera l-Ajruport ta' Leipzig/Halle. F'din il-kapaċità din tiġġestixxi sistema ta' provvista ta' enerġija li permezz tagħha hi u 93 impriża oħra lokalizzati fl-ajruport jiġu fornuti bl-elettriku. Fl-2004, il-volum tal-enerġija kkonsmata permezz ta' din is-sistema kien jammonta għal ċirka 22 200 MWh, li minnhom, minnbarra l-konsum ta' FLH stess ta' 85.4 %, madwar 3 800 MWh, jew 14.6 %, ġew fornuti lil impriżi oħra li jinstabu fl-ajruport.

16. Sa mill-bidu tal-2004 citiworks AG (iktar 'il quddiem "citiworks"), impriża għal provvista tal-elettriku, forniet bl-elettriku lil DFS Deutsche Flugsicherung GmbH, li tinstab fl-ajruport ta' Leipzig/Halle.

17. Fit-12 ta' Lulju 2006, wara talba minn FLH, il-Ministeru tal-Ekonomija u x-Xogħol tas-Sassonja, bħala awtorità regolatriċi għal-Land, adotta deċiżjoni li tiddikjara li s-sistema ta' provvista ta' enerġija ġestita minn FLH fl-ajruport ta' Leipzig/Halle kienet tikkostitwixxi "netwerk ta' sit" li kien jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 110(1), punti 1 u 2, tal-EnWG.

18. Peress li din id-deċiżjoni allegatament ikollha l-effett li żżomm terzi bħal citiworks milli jaċċedu għas-sistema mħaddma minn FLH fl-ajruport ta' Leipzig/Halle sabiex jipprovdu klijenti li jinstabu hemmhekk, citiworks ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem l-Oberlandesgericht Dresden.

19. L-Oberlandesgericht ikkunsidrat li peress li l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-EnWG ma tqiegħedx piż irraġonevoli fuq FLH, is-sistema inkwistjoni ma setgħetx titqies bħala "netwerk ta' servizz" skond il-Paragrafu 110(1)(2) tal-EnWG. Madankollu, is-sistema tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG u għalhekk setgħet tiġi kkwalifikata bħala "netwerk ta' tħaddim" u tiġi eżentata inter alia mid-dispożizzjonijiet tal-EnWG dwar aċċess ta' terzi. Ir-rikors imressaq minn citiworks huwa għalhekk, fil-prinċipju, infondat skond il-liġi nazzjonali. Madankollu, l-Oberlandesgericht esprimiet dubji dwar jekk il-Paragrafu 110(1) punt 1 tal-EnWG huwiex konsistenti mar-rekwiżiti tal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/54.

20. Għalhekk, b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2006, li wasal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Ottubru 2006, il-Kartellsenat tal-Oberlandesgericht Dresden (il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għal deċiżjoni preliminari dwar id-domanda li ġejja:

"L-ewwel punt tal-Paragrafu 110(1) tal-Gesetz über die Elektrizitäts- und Gasversorgung (Liġi dwar il-provvista tal-elettriku u l-gass, jew "EnWG") tas-7 ta' Lulju 2005 (BGB1. I 2005, 1970) huwa kompatibbli mal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 176/37) safejn bi qbil mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel punt tal-Paragrafu 110(1) tal-EnWG hekk imsejjaħ "netwerk ta' tħaddim" huwa eżentat mid-dispożizzjonijiet ġenerali dwar aċċess għas-sistema (Paragrafi 20 sa 28a tal-EnWG) anki fejn tali aċċess għas-sistema ma jkunx jimponi piż irraġonevoli?"

## III — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

21. Il-Qorti tal-Ġustizzja rċeviet osservazzjonijiet minn citiworks, il-Ministeru tal-Ekonomija u tax-Xogħol tas-Sassonja bħala awtorità regolatriċi għal-Land, l-FLH, il-Kummissjoni, u l-Gvernijiet tal-Ġermanja, tal-Polonja u tar-Renju Unit.

22. Ġiet miżmuma seduta fl-20 ta' Settembru 2007.

## IV — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

### A — *Citiworks*

23. Citiworks tissottometti li l-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG mhuwiex kompatibbli mal-Artikolu 20 tad-direttiva.

24. Citiworks tosserva li wieħed mill-għanijiet prinċipali tad-direttiva huwa li tiggarantixxi lil fornituri tal-enerġija d-dritt ta' aċċess għan-netwerk tal-enerġija sħiħ sabiex jiġi żgurat li l-klijenti jkunu jistgħu jagħżlu liberament il-fornitur tagħhom. Madankollu, il-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG jikser l-obbligu li jiġi garantit aċċess għan-netwerk.

25. Citiworks tindika li l-eżenzjoni skond il-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG hija fil-prattika awtomatika. Skond maġġoranza ta' regolaturi kompetenti fil-livell Federali u tal-Land, il-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG huwa direttament applikabbli meta l-kundizzjonijiet li jistabbilixxi jiġu sodisfatti. Filwaqt

li ħafna operaturi ta' sistema ssottomettew talbiet biex din id-dispożizzjoni tiġi ddikjarata applikabbli għas-sistemi tagħhom, oħrajn jippresumu li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dik id-dispożizzjoni u lanqas biss jitolbu dikjarazzjoni f'dan is-sens.

26. Barra dan, m'hemm xejn fid-direttiva li jippemetti lil Stati Membri jistabbilixxu b'mod liberu dawk is-sitwazzjonijiet li fihom huma jistgħu jidderogaw mill-prinċipju tal-libertà ta' aċċess għan-netwerk.

27. L-eċċezzjoni prevista taħt l-Artikolu 26 tad-Direttiva għal "sistemi żgħar iżolati" ma tiġġustifikax dispożizzjoni bħall-Paragrafu 110(1)(1) EnWG, 'il għaliex l-ebda talba għal deroga ma ġiet ippreżentata mill-Ġermanja lill-Kummissjoni u s-sistemi koperti bid-dispożizzjoni nazzjonali mhumiex sistemi iżolati żgħar ħafna jew sistemi żgħar iżolati kif imfissra fl-Artikolu 2(26) u (27) tad-Direttiva.

28. Ma tistax tiġi inferita mid-direttiva eżenzjoni ġenerali għal sistemi minn obbligi dwar aċċess ta' terzi għal raġunijiet strutturali. Filwaqt li jista' jkun veru li obbligi dwar aċċess ta' terzi jimponu piż sproporżjontament tqil fuq sistemi żgħar, dan ma jistax jiġġustifika eżenzjoni ġenerali u awtomatika bħal dik inkluża fil-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG.

B — *FLH*

29. L-ewwel nett, FLH tissottometti li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa inammissibbli għaliex id-domanda rrinvjata lill-Qorti tal-Ġustizzja hija ipotetika. Tabilħaqq, il-qorti tar-rinviju fid-domanda tagħha tagħmel referenza għal kliem fil-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG li attwalment ma jeżistix. Barra dan, it-tweġiba għal dik id-domanda mhijiex rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju.

30. Dwar il-mertu, FLH tissottometti li l-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG huwa kompatibbli mad-dritt Komunitarju. Is-sistemi li jaqgħu fi ħdan dik id-dispożizzjoni huma sistemi interni maħluqa minn kumpanniji għall-iskopijiet ta' konsum tagħhom stess u ma jaffettwawx il-kompetizzjoni. Għalhekk dawn ma jaqgħux fi ħdan l-iskop tad-direttiva.

31. Dan hu illustrat mill-fatt li l-konsum tas-sistema inkwistjoni huwa ferm iktar baxx minn dak ta' "sistemi iżolati żgħar ħafna" kif definiti fl-Artikolu 2, punt 27 tad-Direttiva.[6] Għalhekk l-esklużjoni ta' sistema bħal din mhijiex probabbli li timplika distorżjoni sinjifikanti tal-kompetizzjoni fis-suq intern tal-enerġija.

32. Il-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG huwa sempliċement l-espressjoni tad-diskrezzjoni li l-leġiżlatur Ġermaniż kellu meta implementa d-direttiva. L-Artikoli 3(8), 13, 15(2)(d), 15(2), l-aħħar sentenza, u 20(1) tad-direttiva tabilħaqq jipprovdu għal numru ta' possibiltajiet għal deroga mid-dispożizzjonijiet dwar id-diviżjoni tal-pussess, konnessjoni u aċċess għan-netwerk.

33. FLH tenfasizza li hija kumpannija li tipprovdi servizzi fl-interess ekonomiku ġenerali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(8) tad-direttiva u mhijiex biss sempliċement distributur tal-enerġija. Din iġorr l-obbligu li tiġġestixxi ajruport. Għalhekk is-sistema ta' provvista privata li din tħaddem mhijiex sistema ta' distribuzzjoni fi ħdan it-tifsira tad-direttiva.

6 — "Sistemi iżolati żgħar ħafna" huma sistemi li kellhom konsum ta' inqas minn 500 GWh fis-sena 1996. Il-konsum tan-netwerk inkwistjoni mhuwiex magħruf għall-1996 imma jidher mill-inkartament li varja bejn 19 GWh u 23 GWh bejn l-2000 u l-2007.

34. Għal dawn ir-raġunijiet il-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG huwa kompatibbli mal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva.

C — *Sächsisches Staatsministerium für Wirtschaft und Arbeit*

35. Din il-parti tissottometti li s-sistema inkwistjoni fil-proċeduri preżenti, li tista' tiġi eżentata taħt il-Paragrafu 110(1) tal-EnWG, la hija sistema ta' trasmissjoni u lanqas sistema ta' distribuzzjoni fi ħdan it-tifsira tad-direttiva imma sistema li sservi prinċipalment biex tipprovdi l-konsum stess ta' FLH. Għalhekk is-sistema ma taqax fi ħdan l-iskop tad-direttiva u mhemm ebda obbligu li tagħti aċċess lil terzi għal dik is-sistema skond id-dispożizzjonijiet tad-direttiva.

36. Barra dan, FLH ma tistax tiġi meqjusa bħala operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(6) tad-direttiva, 'il għaliex l-għan prinċipali tagħha huwa li topera ajruport u, b'riżultat ta' dan, ma tistax tikkonforma għal kollox mal-obbligi imposti fuq operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni.

37. Għalhekk, il-Paragrafu 110(1)(1) EnWG jikkonċerna biss sistemi li ma jaqgħux fi ħdan

l-iskop tad-direttiva u huwa kompatibbli mal-Artikolu 20(1) tad-direttiva.

D — *Il-Gvern Ġermaniż*

38. Il-Gvern Ġermaniż jissottometti li abbażi ta' interpretazzjoni sistemika u teleoloġika tad-direttiva "istallazzjonijiet ta' klijenti" ma jaqgħux fi ħdan l-iskop tagħha. Istallazzjoni ta' klijent hija l-istallazzjoni tal-elettriku ta' konsumatur finali li tinkludi wkoll sistemi stabbiliti minn konsumaturi bħal dawn u li jqassmu l-enerġija fi ħdan istallazzjoni magħluqa.

39. Kif inhu evidenti mit-tifsira ta' "operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni" inkluża fl-Artikolu 2(6) tad-direttiva u l-obbligi ta' tali operaturi stabbiliti fl-Artikolu 14 tad-direttiva, id-direttiva tikkonċerna biss kumpanniji li jħaddmu sistemi ta' distribuzzjoni intiżi għall-provvista ta' enerġija lill-pubbliku, li jeskludu istallazzjonijiet ta' klijenti.

40. Barra dan ir-regoli legali dwar il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija għandhom l-iskop li jagħtu lil terzi id-dritt li jagħżlu l-fornitur tagħhom. Fil-każ ta' istallazzjonijiet ta' klijent, ma hemm madankollu ebda terzi bħal dawn. Għalhekk ir-regoli dwar il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija japplikaw biss għal sistemi bil-parteċipazzjoni ta' terzi.

41. Għalkemm jipprovdu lil diversi persuni fiżiċi u legali bħala klijenti, xi sistemi għandhom jiġu meqjusa bħala istallazzjonijiet ta' klijenti, meta klijenti bħal dawn ma jistgħux jitqiesu bħala tassew terzi. Dan hu l-każ għal partijiet li huma assoċjati mal-operatur tal-istallazzjoni tal-klijent f'"komunità ta' provvista", li tista' tkun ir-riżultat ta' ċirkostanzi fattwali jew legali. Peress li klijenti bħal dawn mhumiex tassew terzi fir-rigward tal-operatur tas-sistema, mhuwiex meħtieġ li jiġi żgurat id-dritt tagħhom li jagħżlu liberament il-fornitur tagħhom tal-elettriku u r-regoli dwar il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija ma japplikawx għalihom.

42. Il-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG għandu l-għan li jeskludi preċiżament sistemi bħal dawn, b'referenza għal liema m'hemm l-ebda terzi, mill-obbligi rigward aċċess ta' terzi. Dan huwa għalhekk kompatibbli mal-Artikolu 20(1) tad-direttiva.

E — *Il-Gvern Pollakk*

43. Il-Gvern Pollakk jieħu l-pożizzjoni li l-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG mhuwiex kompatibbli mad-direttiva.

44. Il-Gvern Pollakk ifakkar li jidher speċjalment mill-ħdax-il premessa u mill-Artikolu 3(8) tad-direttiva li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet mill-prinċipju tal-aċċess ta' terzi għan-netwerk, imma ma hemm l-ebda skop għal eżenzjonijiet ġenerali.

45. Il-ħdax-il premessa tad-direttiva timplika b'mod ċar li eżenzjoni ta' operaturi ta' sistemi żgħar mill-obbligi li jipprovdu aċċess għal terzi tirrikjedi l-eżistenza ta' piż finanzjarju u amministrattiv sproporzjonat. Huwa probabbli li għal operaturi żgħar konformità ma' rekwiżiti amministrattivi stabbiliti mid-direttiva tkun ta' iktar piż u jkun iktar diffiċli biex jiġu paċuti spejjeż relatati meta jiġi kkunsidrat l-ammont relattivament limitat ta' elettriku li huma jbiegħu. Barra dan, fil-każ preżenti, l-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni huwa meħtieġ ukoll li jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku.

46. Madankollu, qabel mal-operatur ta' sistema żgħira jista' jiġi eżentat minn obbligi relatati mal-aċċess ta' terzi, huwa meħtieġ li jiġi eżaminat jekk it-twettiq ta' dawn l-obbligi jkunx jinvolvi spejjeż sproporzjonati. Għal dan il-għan l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jagħmlu evalwazzjoni ekonomika komprensiva tas-sitwazzjoni tal-operatur tas-sistema, billi jżommu f'moħħhom il-bżonn li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista għall-klijenti finali tal-operatur tas- sistema.

47. Dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG, li tippermetti l-eżenzjoni ta' operaturi żgħar ta' sistemi ta' distribuzzjoni minn obbligi dwar aċċess ta' terzi, anki fejn dan ma jkunx jinvolvi diffikultajiet eċċessivi għall-operatur inkwistjoni, hija għalhekk inkompatibbli mal-Artikolu 20(1) tad-direttiva.

F — *Ir-Renju Unit*

48. Il-Gvern tar-Renju Unit huwa tal-fehma li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni hija kompatibbli mal-Artikolu 20(1) tad-Direttiva.

49. Dan ifakkar li wieħed mill-għanijiet prinċipali tad-direttiva kien li tistabbilixxi kompetizzjoni ħielsa u li din kellha l-iktar fil-mira tagħha kumpanniji f'pożizzjoni ta'

monopolju jew kważi monopolju, li jżommu l-kompetizzjoni milli tiffunzjona b'mod effiċjenti. Madankollu, kumpanniji żgħar tal-elettriku u impriżi li ma jfornux elettriku lil klijenti domestiċi ma kinux punt fokali tal-leġiżlatur Komunitarju. Barra dan l-obbligi li l-Artikoli 14 sa 20 tad-direttiva jimponu fuq l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni jiswew ħafna flus biex jitwettqu. B'riżultat ta' dan, l-Artikolu 20 tad-direttiva jrid jiġi interpretat b'tali mod li jippermetti lill-Istati Membri jeskludu kategoriji ta' entitajiet identifikati b'attenzjoni u b'mod strett mill-obbligi dwar aċċess għan-netwerk.

50. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva anki għall-iktar sistemi żgħar tkun assurda u mhux raġonevoli. Konformità mal-obbligi dwar aċċess ta' terzi trendi l-ġestjoni ta' sistemi żgħar u ġodda wisq tqila u għalhekk iktar diffiċli għalihom biex jikkompetu b'mod effettiv ma' impriżi tal-elettriku fuq skala ikbar. B'kuntrast ma' dan, l-esklużjoni tagħhom mir-rekwiżiti ta' aċċess ta' terzi jkollha impatt negliġibbli fuq il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku meta tiġi kkunsidrata l-isfera ta' operazzjoni tagħhom tassew limitata.

51. Fl-aħħar nett, skond il-kliem tat-tifsira ta' "distribuzzjoni" fl-Artikolu 2(5) tad-direttiva, din hija magħmula "bil-ħsieb li tiġi kkonsenjata lill-klijenti". Għalhekk, il-konsenja lill-klijenti għandha tkun l-għan prinċipali ta' sistema ta' distribuzzjoni, imma dan ovvjament mhuwiex il-każ ta' FLH li hi nnifisha tikkonsma 85.4% tal-elettriku ttrasportat permezz tas-sistema tagħha. L-għan prinċipali ta' FLH huwa l-operazzjoni ta' ajruport.

G — *Il-Kummissjoni*

52. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG huwa inkompatibbli mal-Artikolu 20(1) tad-direttiva.

53. Din tissottometti li l-Artikolu 20 tad-direttiva, li jirrikjedi li terzi jiġu mogħtija aċċess għal sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, hu applikabbli għas-sitwazzjoni fattwali li tat lok għat-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju. Is-sistema inkwistjoni hija sistema ta' distribuzzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(6) tad-direttiva għaliex din isservi biex tqassam l-elettriku lil FLH u 93 kumpannija oħra lokalizzata fl-ajruport. Għalhekk l-libertà li wieħed jaċċedi għal sistema bħal din trid tiġi żgurata skond l-Artikolu 20(1) tad-direttiva.

54. Kif inhu evidenti mis-sitt u mis-seba' premessa tad-direttiva, il-prinċipju tal-aċċess ta' terzi huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata l-kisba sħiħa tas-suq tal-enerġija intern. Limitazzjonijiet għal dan il-prinċipju jistgħu għalhekk jiġu ammessi biss f'ċirkustanzi

definiti b'mod ċar. Għalhekk, id-direttiva tipprovdi biss għal eċċezzjoni ġenerali waħda għall-obbligi dwar aċċess ta' terzi. Dik l-eċċezzjoni hija stabbilita fl-Artikolu 20(2) u hija marbuta man-nuqqas ta' kapaċità meħtieġa tal-operatur tas-sistema. Madankollu, din id-dispożizzjoni tad-direttiva ma tistax tiġġustifika eċċezzjoni ġenerali definita bil-liġi peress li netwerks ta' tħaddim fi ħdan it-tifsira tal-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG la huma neċessarjament lanqas permanentement suġġetti għal nuqqas ta' kapaċità bħal dan.

55. Id-daqs żgħir ta' xi sistemi u l-importanza ekonomika limitata tagħhom ma tiġġustifikax l-esklużjoni tagħhom, bħala punt ta' prinċipju, mill-prinċipju tal-libertà ta' aċċess. Id-daqs tas-sistema jilgħab rwol biss fi kwistjonijiet relatati mas-separazzjoni legali ta' operaturi ta' sistemi tad-distribuzzjoni, kif jidher mill-Artikolu 15(2) tad-direttiva.

56. L-Artikolu 13 tad-direttiva ma joffri l-ebda ġustifikazzjoni għal eżenzjoni ta' ċerti sistemi mill-obbligi dwar aċċess ta' terzi.

57. Lanqas ma tista' l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 26(1) tad-direttiva għal "sistemi iżolati żgħar ħafna" isservi bħala bażi għall-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG peress li, inter alia, l-ebda talba ma ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni għal dak l-iskop.

## V — Ammissibbiltà

58. FLH essenzjalment ikkontestat l-ammissibiltà tad-domanda rrinvjata abbażi li din tikkontempla ipotesi li mhijiex dik ifformulata mil-liġi nazzjonali inkwistjoni u hija għalhekk ipotetika.

59. Skond ġurisprudenza konsistenti, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kemm il-bżonn għal deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti sentenza u r-rilevanza tad-domandi li hi tippreżenta lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiċħad talba ppreżentata minn qorti nazzjonali biss fejn ikun pjuttost ovvju li d-deċiżjoni mitluba minn dik il-qorti dwar l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju ma jkollha l-ebda relazzjoni mal-fatti attwali tal-kwistjoni prinċipali jew l-iskop tagħha jew fejn il-problema hija ġenerali jew ipotetika.[7]

60. Madankollu, dan mhuwiex il-każ hawnhekk. Huwa ċar mid-digriet tar-rinviju li l-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar jekk

7 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995 Bosman (C-415/93, Ġabra p. I-4921, punti 59 sa 61); tas-27 ta' Novembru 1997 Somalfruit u Camar (C-369/95, Ġabra p. I-6619, punti 40 u 41); u tat-13 ta' Lulju 2000 Idéal tourisme (C-36/99, Ġabra p. I-6049, punt 20).

il-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG, kif inhu, huwiex kompatibbli mal-Artikolu 20(1) tad-direttiva.

61. Huwa veru li d-domanda rrinvjata lill-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss tagħmel referenza għal formulazzjoni attwali tal-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG, imma iżżid il-frażi "anki fejn tali aċċess għas-sistema ma jkunx jimponi piż irraġonevoli". B'dikjarazzjoni bħal din il-qorti tar-rinviju sempliċement tiddentifika fejn fil-fehma tagħha tqum il-problema ta' kompatibbiltà tal-liġi nazzjonali implimentattiva mad-direttiva, ċjoè fil-fatt li d-deroga mill-obbligi dwar aċċess ta' terzi tiġi mogħtija mingħajr kunsiderazzjoni ulterjuri tal-piż attwali li konformità ma' tali obbligi tista' attwalment timponi fuq l-operatur tas-sistema, filwaqt li, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, rekwiżit biex dak il-piż jittieħed inkunsiderazzjoni isegwi mid-direttiva. Madankollu, dan ma jagħmilx id-domanda waħda ipotetika.

62. Għalhekk, ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa ammissibbli u d-domanda li trid tiġi mwieġba mill-Qorti tal-Ġustizzja hija, essenzjalment, jekk l-Artikolu 20(1) tad-direttiva jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG, li teskludi, bħala regola, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar aċċess ta' terzi għal hekk imsejjħa "netwerks ta' tħaddim" li huma lokalizzati f'żona ta' tħaddim ġeografikament konnessa u li prinċipalment iservu biex jipprovdu l-bżonnijiet ta' enerġija tal-impriża nnifisha jew ta' impriżi konnessi.

## VI — Fuq il-mertu

63. Id-Direttiva 2003/54 timmarka t-tieni fażi tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fi ħdan il-Komunità Ewropea. L-għan tagħha huwa li jitlesta s-suq intern tal-elettriku varat bid-Direttiva 96/92/KE [8] (l-"ewwel direttiva tal-elettriku"). [9]

64. Wieħed mill-elementi prinċipali tal-liberalizzazzjoni tas-suq intern tal-elettriku huwa l-aċċess ta' terzi għan-netwerk. Fid-direttiva il-prinċipju dwar aċċess ta' terzi huwa rifless fl-Artikolu 20(1) li jirrikjedi lill-Istati Membri li jiżguraw l-implementazzjoni

8 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (ĠU 1997, L 27, p. 20).

9 — Tielet pakkett leġiżlattiv ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fid-19 ta' Settembru 2007 (ara l-Komunikat Stampa tal-Kummissjoni IP/07/1361 u l-Memorandum ta' Spjegazzjoni tat-tielet pakkett dwar l-enerġija, aċċessibbli minn http://ec.europa.eu/energy/electricity/package_2007/doc/2007_09_19_explanatory_memorandum_en.pdf). Jidher li t-tibdil propost ma jikkonċernax id-dispożizzjoni inkwistjoni fil-proċeduri preżenti.

ta' aċċess ta' terzi għal sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni. Isegwi mill-Artikolu 20(1) tad-direttiva li huma biss'l hekk imsejjħa "sistemi ta' trasmissjoni" jew "sistemi ta' distribuzzjoni" fi ħdan it-tifsira tad-direttiva li huma suġġetti għall-obbligi dwar aċċess ta' terzi skond id-direttiva.

65. Mhuwiex ikkontestat li sistema bħal dik mħaddma minn FLH mhijiex sistema ta' trażmissjoni [10]. Sabiex jiġi aċċertat jekk huwiex madankollu meħtieġ li jingħata aċċess lil terzi skond l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva jifdal li jiġi stabbilit jekk is-sistema inkwistjoni tistax tkun sistema ta' distribuzzjoni.

66. F'dan ir-rigward, jista' jiġi rrilevat fil-qosor li huwa dibattibbli jekk FLH, pereżempju, tistax titqies ukoll li hi "fornitur" u/jew "bejjiegħ bl-ingrossa" ta' elettriku fis-sens tad-direttiva. Dawn il-kwalifiki addizzjonali possibbli huma irrilevanti għall-kawża preżenti, madankollu, peress li ma jistax jiġi inferit mid-direttiva li dawn ikunu jżommu lil FLH milli tkun fl-istess ħin operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni, u bħala tali, fil-prinċipju obbligata li tagħti lil terzi aċċess għas-sistema ta' distribuzzjoni li topera.

67. Għalhekk il-kwistjoni rilevanti fil-kawża preżenti hija jekk sistema, bħal dik imħaddma minn FLH u li tista' tiġi eżentata b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża kkontestata, hijiex fil-fatt "sistema ta' distribuzzjoni" skond id-direttiva.

68. Id-direttiva ma tagħtix definizzjoni tat-terminu "sistema ta' distribuzzjoni" imma tiddefinixxi "distribuzzjoni" bħala t-"trasport tal-elettriku fuq sistemi ta' distribuzzjoni ta' vultaġġ għoli, vultaġġ medju u vultaġġ baxx bil-ħsieb li dan jitqassam lill-klijenti, iżda ma jkunx jinkludi l-provvista". [11]

69. F'dawn iċ-ċirkustanzi huwa meħtieġ, sabiex jiġi stabbilit l-iskop tal-kunċett ta' "sistema ta' distribuzzjoni" kif użat fid-direttiva, li jiġi kkunsidrat mhux biss il-kliem tad-dispożizzjoni rilevanti tad-direttiva imma l-kuntest li fih jokkorri u l-għanijiet tar-regoli li jifforma parti minnhom. [12]

70. Id-direttiva għandha l-għan li jitlesta s-suq intern tal-enerġija, bil-liberalizzazzjoni

10 — Skond l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva "trażmissjoni" tfisser it-trasport tal-elettriku fuq is-sistema ta' vultaġġ qawwi ħafna u ta' sistema interkonnessa ta' vultaġġ għoli bil-ħsieb li dan jitqassam lill-klijenti finali jew lid-distributuri, iżda ma jkunx jinkludi l-provvista.

11 — Ara l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva.

12 — Ara, f'dan is-sens, *inter alia*, is-sentenza tas-17 ta' Novembru 1983 Merck (292/82, Ġabra p. 3781, punt 12); is-sentenza tal-21 ta' Frar 1984 St. Nikolaus Brennerei und Likörfabrik (337/82 Ġabra p. 1051, punt 10); u s-sentenza tal-14 ta' Ottubru 1999 Adidas (C-223/98, Ġabra p. I-7081, punt 23).

u l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet li fihom jopera s-suq tal-elettriku sabiex tassew jiġu integrati b'mod sħiħ is-swieq nazzjonali f'suq wieħed verament u kompletament operazzjonali tal-enerġija.[13]

71. L-għan li jintlaħqu kundizzjonijiet ugwali bejn Stati Membri għal dak li huwa ftuħ tas-suq[14] jirrikjedi interpretazzjoni uniformi tal-iskop materjali li għalih tapplika d-direttiva. Dan jirrikjedi li restrizzjonijiet għall-prinċipju ġenerali ta' aċċess ta' terzi jiġu interpretati b'mod strett u li jiġu limitati għal dawk previsti fid-direttiva. Dan jipprekludi wkoll il-possibbiltà li dispożizzjoni bħall-Artikolu 13 tad-direttiva, li tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jaħtru jew jitolbu lill-impriżi li jkollhom jew li jkunu responsabbli minn sistemi ta' distribuzzjoni biex jinnominaw operatur jew iktar minn wieħed ta' sistema ta' distribuzzjoni, tista' tagħti lill-Istati Membri libertà totali fid-definizzjoni ta' "sistema ta' distribuzzjoni".

72. Barra dan, jidher mid-direttiva li wieħed mill-elementi essenzjali tal-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-enerġija huwa li jiġi żgurat li klijenti tal-elettriku ikollhom id-dritt li jagħżlu liberament il-fornituri tagħhom u lill-fornituri kollha id-dritt li jagħżlu liberament il-klijenti tagħhom.[15] Dawn iż-żewġ drittijiet huma neċessarjament marbutin flimkien, peress li, jekk il-klijenti għandhom id-dritt li jagħżlu liberament il-fornitur tagħhom, hu meħtieġ li l-fornituri jkollhom id-dritt ta' aċċess, permezz ta' renumerazzjoni xierqa u mhux diskriminatorja, għal sistemi differenti ta' trasmissjoni u distribuzzjoni li jwasslu l-elettriku lill-klijent.

73. L-importanza tal-prinċipju ta' aċċess ta' terzi huwa evidenti wkoll mill-istorja leġiżlattiva tad-direttiva. Id-dispożizzjoni li tirrikjedi Stati Membri jiżguraw aċċess ta' terzi kienet element essenzjali tal-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi emendata l-ewwel direttiva dwar l-elettriku[16] u essenzjalment ġiet adottata, mingħajr tibdil, fl-Artikolu 20 tad-Direttiva.

74. Barra dan, fil-ġurisprudenza tagħha rigward id-direttiva dwar l-elettriku l-Qorti tal-Ġustizzja diġà issottolinejat l-importanza tal-aċċess mhux diskriminatorju ta' terzi għan-netwerk.[17]

75. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-iskop tal-kunċett ta' "sistema ta' distribuzzjoni", li huwa essenzjali

13 — Ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni ppreżentat mill-Kummissjoni mal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 96/92/KE u 98/30/KE dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku u gass naturali (COM(2001) 125 finali).

14 — Ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13.

15 — Ara r-raba' premessa tad-Direttiva. L-implementazzjoni sħiħa ta' din il-libertà tal-għażla għandha tkun disponibbli għal klijenti mhux domestiċi sal-1 ta' Jannar 2003 u għall-kategoriji kollha ta' klijenti sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2005.

16 — CO 125 finali (ĠU 2001, C 240E, p. 60).

17 — Ara s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2005 Vereniging voor Energie, Milieu en Water *et* (C-17/03, Ġabra p. I-4983, punti 42 sa 46).

għall-iskop effettiv ta' aċċess ta' terzi skond l-Artikolu 20(1) tad-direttiva, għandu jiġi interpretat. Bħala l-ewwel pass, jien se nanalizza sa liema punt ċerti kriterji, bħad-daqs jew l-għan tas-sistema, huma essenzjali għall-kwalifikazzjoni ta' "sistema ta' distribuzzjoni".

76. Jista' l-ewwel nett jiġi rrilevat li d-direttiva ma tispeċifikax limitu ta' daqs sabiex sistema tal-elettriku tiġi meqjusa bħala "sistema ta' distribuzzjoni". Madankollu, fi ħdan il-qafas tad-direttiva d-daqs ta' sistema huwa rilevanti għall-applikazzjoni ta' ċerti obbligi essenzjali, l-iktar importanti għad-diviżjoni tal-pussess tal-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni. [18]

77. Fir-rigward tal-obbligu li jiġi pprovdut aċċess għal terzi jidher li dan ikun rilevanti biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali, [19] ċjoè fir-rigward tad-definizzjoni ta' "sistemi iżolati żgħar ħafna", li għalihom l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet inter alia minn obbligi dwar aċċess ta' terzi. Madankollu, l-possibiltà li jiġu eżentati sistemi iżolati mhijiex ġustifikata primarjament bid-daqs żgħir tagħhom imma mill-fatt li sistemi bħal dawn jew mhumiex konnessi ma' sistema ikbar jew jirċievu ammonti tassew żgħar ta' elettriku minn sistema ikbar, li jagħmilhom suġġetti għal restrizzjonijiet tekniċi speċifiċi ħafna, speċjalment fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku lil utenti finali. [20] Il-limitu rigward sistemi iżolati żgħar ħafna għalhekk kien ġie stabbilit għal skop speċifiku ħafna u ma jistax jitqies bħala indikatur totali tad-daqs ta' sistemi li l-leġiżlatur Komunitarju kellu l-intenzjoni li jirregola jew le.

78. Fil-fehma tiegħi dan jindika li, bħala punt ta' prinċipju, id-direttiva hija intiża li tapplika għal medda wiesgħa ta' sistemi indipendentement mid-daqs tagħhom. Dan ma jipprekludix il-possibbiltà li l-applikazzjoni ta' ċerti obbligi essenzjali stabbiliti fid-direttiva, bħal fil-każ ta' diviżjoni tal-pussess, tista' tiġi addattata skond id-daqs tas-sistema inkwistjoni.

79. Barra dan, filwaqt li l-esklużjoni ta' sistema waħda "żgħira" mill-iskop tad-direttiva tista' mhux neċessarjament ikollha

18 — L-Artikolu 15 tad-Direttiva, li jirigwarda d-"diviżjoni tal-pussess tal-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni", jipprovdi fl-aħħar sentenza tat-tieni paragrafu li "L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafi 1 u 2 għall-impriżi integrati tal-elettriku, li jkunu jservu inqas minn 100 000 abbonat, jew li jkunu jservu sistemi żgħar u iżolati". Ara wkoll il-ħdax-il premessa, li tipprovdi li "[b]iex ikun evitat li jkun impost piż finanzjarju u amministrattiv li ma jkunx proporzjonat fuq kumpaniji żgħar ta' distribuzzjoni, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun meħtieġ, jeżentaw kumpaniji bħal dawn mill-kriterji tad-distribuzzjoni li tkun ġejja mid-diviżjoni tal-pussess".

19 — Ara l-Artikolu 26, li jippermetti f'ċerti ċirkustanzi l-esklużjoni ta' ċerti sistemi iżolati żgħar ħafna u sistemi żgħar iżolati mill-obbligi dwar aċċess ta' terzi.

20 — "Netwerks ta' tħaddim" fi ħdan it-tifsira tal-EnWG huma fil-prinċipju magħluqin imma dan ma jagħmilhomx iżolati, għax dawn xorta waħda jistgħu jirċievu elettriku minn netwerk ikbar li jkunu mqabbdin miegħu.

impatt sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni u għalhekk fuq il-liberalizzazzjoni tas-settur tal-elettriku, din m'għandhiex effett fuq kif l-esklużjoni ta' kategorija sħiħa ta' sistemi żgħar tista' taffettwa l-kompetizzjoni.

80. Fi kwalsiasi każ, minbarra d-diffikultajiet ovvji li jiġi stabbilit meta sistema għandha tiġi kkunsidrata bħala "żgħira", m'hemm l-ebda evidenza li sistemi relattivament "żgħar" biss ikunu eżentati skond il-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG. Sakemm dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni, is-sistemi jiġu eżentati indipendentement mill-ammont ta' elettriku li jipprovdu. Dan ifisser, pereżempju, li ajruporti ferm ikbar mill-ajruport ta' Leipzig/Halle jistgħu jiġu eżentati mill-obbligi dwar aċċess ta' terzi b'applikazzjoni tal-Paragrafu 110(1)(1) EnWG.

81. Jien għalhekk tal-fehma li d-daqs żgħir ta' sistema mhuwiex kriterju essenzjali li fuqu jiġi rifjutat li sistema bħal dik imħaddma minn FLH tiġi kkwalifikata bħala "sistema ta' distribuzzjoni" u li tiġi eskluża, bħala punt ta' prinċipju, mill-applikazzjoni tal-prinċipju ta' aċċess ta' terzi.

82. It-tieni nett, irid jiġi stabbiliti sa liema punt l-iskop li għalih sistema tiġi mħaddma huwa essenzjali għall-kwalifikazzjoni tas-sistema bħala "sistema ta' distribuzzjoni". Din id-domanda toħroġ mill-użu tal-frażi "bil-ħsieb li dan jitqassam lill-klijenti" fid-definizzjoni ta' "distribuzzjoni" fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva.

83. L-eżenzjoni ta' ċerti sistemi minn obbligi dwar aċċess ta' terzi abbażi biss tal-iskop li għalih jiġu mħaddma, għandha r-riskju li l-istess sistema, skond jekk hijiex ġestita bħala parti minn negozju ieħor jew bħala negozju għalih, tkun jew ma tkunx eliġibbli għal eżenzjoni minn obbligi dwar aċċess ta' terzi. Per eżempju, kieku FLH tat b'kuntratt it-tħaddim tas-sistema tal-elettriku tagħha lil kumpannija oħra li għandha bħala l-iskop uniku tagħha t-tħaddim tas-sistema bil-ħsieb li twassal l-elettriku lill-ajruport u lil utenti finali oħrajn lokalizzati fl-ajruport, id-distribuzzjoni tal-elettriku ċertament tkun qed isir "bil-ħsieb li jitqassam lill-klijenti"', kif stipulat fl-Artikolu 2 punt 5 tad-Direttiva. Għalhekk, l-esklużjoni ta' hekk imsejjħa "netwerks ta' tħaddim" mill-obbligi dwar aċċess ta' terzi tista' tirriżulta fi trattament differenti tal-istess sistema abbażi biss tal-iskop tan-negozju tal-operatur tas-sistema.

84. Li kieku kellu jiġi segwit dan l-approċċ, dan kien ifisser ukoll li l-istess klijent, per eżempju ħanut jew ristorant, ikollu jew ma jkollux id-dritt li jagħżel liberament fost il-fornituri tal-elettriku skond l-iskop ta' negozju tal-operatur tas-sistema li jiġġestixxi

s-sistema tal-elettriku li magħha jkun konness għall-iskop li jirċievi l-elettriku. Għalhekk, l-esklużjoni ta' sistemi minn obbligi dwar aċċess ta' terzi abbażi tal-iskop li għalih huma mħaddma jirriżulta fi trattament differenti ta' klijenti finali.

85. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jissuġġerixxu li sitwazzjoni fejn il-kwalifikazzjoni ta' sistema bħala "sistema ta' distribuzzjoni" tkun tiddependi fuq il-kundizzjoni li din tkun issegwi l-għan prinċipali li twassal l-elettriku lill-pubbliku inġenerali tkun twassal għal diskriminazzjoni sostanzjali bejn operaturi ta' sistemi kif ukoll bejn klijenti. Eżitu bħal dan jidher li hu diffiċli li jiġi rrikonċiljat mal-oġġettiv ta' aċċess mhux diskriminatorju ta' terzi u d-dritt tal-utent finali li jagħżel liberament il-fornitur tal-enerġija li d-direttiva trid tikseb.

86. Barra dan, ma naħsibx li ċerti sistemi żgħar jew magħluqa għandhom jiġu mċaħħda, bħala punt ta' prinċipju, mill-kwalifikazzjoni bħala "sistemi ta' distribuzzjoni" għal raġunijiet strutturali. Tabilħaqq ġie argumentat li l-obbligi imposti bid-direttiva fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni, u b'mod partikolari obbligi dwar aċċess ta' terzi, huma per se wisq ta' piż għal ċerti operaturi ta' sistemi, partikolarment meta jkunu żgħar, parteċipanti ġodda u/jew li jsegwu oġġettiv prinċipali li huwa differenti minn dak tal-provvista ta' enerġija lil klijenti. Għal dik ir-raġuni, operaturi bħal dawn ma jistgħux ikunu intiżi li jkunu suġġetti għall-obbligi imposti fuqhom mid-direttiva.

87. Dan l-approċċ m'għandux jiġi segwit. L-Istati Membri jgawdu minn marġini ta' diskrezzjoni wiesgħa dwar kif għandhom jimplementaw fil-prattika l-obbligi dwar aċċess ta' terzi previsti fid-direttiva. L-Istati Membri jistgħu possibbilment jipprovdu għal reġim amministrattiv eħfef jew għal sistemi iżgħar jew għal sistemi ġodda magħluqa jew sistemi li jsegwu oġġettiv prinċipali li huwa differenti minn dak tal-provvista ta' enerġija lill-klijenti. Għalhekk, il-piż attwali li t-twettiq ta' obbligi bħal dawn jikkostitwixxi għal operatur individwali huwa sa ċertu punt ir-riżultat ta' għażliet regolatorji li jsiru minn kull Stat Membru. [21] Għalhekk, raġuni bħal din minnha nnifisha ma tippermettix l-esklużjoni totali ta' sistemi bħal dawn mill-obbligi imposti mid-direttiva fuq operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni u speċjalment obbligi dwar aċċess ta' terzi.

88. Isegwi li ebda waħda mir-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq ma tiġġustifika fiha nnifisha l-esklużjoni ta' sistema bħal

21 — Pereżempju l-leġiżlatur Ġermaniż għażel kontroll *ex ante* ta' tariffi għal aċċess għal netwerks, "strument ta' regolamentazzjoni intrusiv u kkumplikat mhux meħtieġ mid-dritt Komunitarju, minflok ma llimita ruħu għal metodi ta' kontroll biex jiġu kkalkulati dawn it-tariffi". Ara Thomas von Danwitz, "Regulation and Liberalisation of the European Electricity Market — A German View", *2006 Energy Law Journal*, Vol. 27:423, p. 448.

dik imħaddma mill-ajruport ta' Leipzig/Halle mill-iskop tal-kunċett ta' "sistema ta' distribuzzjoni" fis-sens tad-direttiva.

89. Pjuttost il-kuntrarju, xi elementi jissuġġerixxu li sistema bħal dik imħaddma minn FLH għandha fil-fatt tiġi kkunsidrata bħala sistema ta' distribuzzjoni fis-sens tad-direttiva.

90. Filwaqt li jidher li s-sistema inkwistjoni hija użata prinċipalment għall-provvista ta' FLH stess,[22] wieħed ma jridx jinsa li madwar 15 % tal-volum totali ta' elettriku li ġie kkonsmat fl-2004 ġie mqassam lil terzi, li, skond id-digriet tar-rinviju, huwa ekwivalenti għall-konsum ta' madwar 1 000 familja ta' tliet persuni, u ċ-ċifra ttendi li tiżdied regolarment.[23] Għalhekk, il-provvista lil terzi, filwaqt li forsi mhijiex prinċipali, hija altru milli rrilevanti.

91. Lanqas ma nara għalfejn it-93 impriża lokalizzati fl-ajruport ta' Leipzig/Halle m'għandhomx jiġu meqjusa bħala terzi "veri". Dawn inzertaw li huma lokalizzati fl-ajruport imma jaħdmu għall-iskop kummerċjali tagħhom stess. Ir-relazzjoni kuntrattwali li huma għandhom ma' FLH hi, kif ġie kkonfermat waqt is-seduta, primarjament kuntratt ta' kera. Għalhekk is-sitwazzjoni tat-93 impriża inkwistjoni mhijiex differenti b'mod fundamentali minn dik ta' negozji li jikru post fiċ-ċentru tal-belt jew post f'ċentru kummerċjali. Dawn l-impriżi għandhom għalhekk, fil-prinċipju, ikunu jistgħu jagħżlu liberament il-fornitur tagħhom tal-elettriku. Għal dak il-għan, is-sistema li twassal l-elettriku għal punt ta' konnessjoni tal-istallazzjonijiet privati ta' dawn il-klijenti għandha fil-prinċipju tkun aċċessibbli lil terzi.

92. Għal dawn ir-raġunijiet, jiena nemmen li sistema, bħal dik imħaddma minn FLH, għandha tiġi meqjusa bħala "sistema ta' distribuzzjoni" fis-sens tad-direttiva.

93. Madankollu, dan ma jfissirx li sistema bħal din ma tistax tiġi eżentata, b'konformità mad-direttiva, mill-obbligi dwar aċċess ta' terzi. Id-direttiva tipprovvdi tabilħaqq għal numru ta' dispożizzjonijiet li jeżentaw sistemi minn ċerti obbligi, f'tentattiv li jintlaħaq bilanċ bejn il-bżonn li jingħata aċċess lil terzi għan-netwerk filwaqt li jiġu mħarsa interessi ġenerali li jieħdu preċedenza bħas-sigurtà

22 — Kif diġà sssemma fil-punt 15 tal-konklużjonijiet preżenti, għall-2004, il-volum ta' enerġija kkonsmata permezz ta' din is-sistema kien jammonta għal madwar 22 200 MWh, li minnhom madwar 3 800 MWh, jew 14.6 %, ġew opprovduti lil impriżi oħrajn li jinsabu fl-ajruport.

23 — Skond id-digriet tar-rinviju, tbassar li għall-2007 il-volum ta' enerġija fornuta lil impriżi oħra li jinstabu fis-sit tal-ajruport tkun ta' madwar 8 000 MWh, li jintqal li hija l-ekwivalenti tal-konsum ta' 2 000 familja ta' tliet persuni u tirrappreżenta d-doppju tal-volum ta' enerġija pprovduta minn netwerk inkwistjoni lil terzi f'temp ta' tliet snin biss.

tal-provvista u t-twettiq ta' servizzi fl-interess ekonomiku ġenerali.

94. Skond l-Artikolu 3(8) tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jiddeċidu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 "kemm-il darba l-applikazzjoni tagħhom tkun tista' xxekkel il-prestazzjoni, fil-liġi jew fil-verità, tal-obbligi imposti fuq l-impriżi tal-elettriku fl-interess ekonomiku ġenerali, u kemm-il darba l-iżvilupp tas-sengħa ma jkunx affettwat b'tali mod li jkun imur kontra l-interessi tal-Komunità". Filwaqt li ma jistax jiġi eskluż li xi "netwerks ta' tħaddim" eliġibbli għal eżenzjoni skond il-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet, m'hemm l-ebda bażi għall-konklużjoni li dan hu neċessarjament il-każ, mingħajr evalwazzjoni ulterjuri taċ-ċirkustanzi li fihom taħdem sistema partikolari.

95. Sistema ta' distribuzzjoni tista' tiġi wkoll eżentata mill-obbligi dwar aċċess ta' terzi skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva, "fejn din tkun tonqosha l-kapaċità neċessarja". Għal darba oħra, ma jistax jiġi eskluż li din id-dispożizzjoni tipprovdi għall-eżenzjoni ta' ċerti "netwerks ta' tħaddim" imma dan ċertament mhuwiex il-każ jekk m'hemm ebda evidenza ċirkostanzjata ta' nuqqas ta' kapaċità li jiġi permess aċċess. Barra dan, huwa diffiċli li jiġi aċċettat li eżenzjoni bbażata fuq nuqqas ta' kapaċità tista' tkun illimitata fiż-żmien.

96. Kif ġie imsemmi iktar 'il fuq, l-Artikolu 26 tad-direttiva jipprovdi għal eċċezzjoni fir-rigward ta' sistemi iżolati żgħar ħafna u sistemi żgħar iżolati minn inter alia obbligi dwar aċċess ta' terzi. Madankollu, m'hemm l-ebda evidenza li jew is-sistema mħaddma minn FLH jew in-"netwerks ta' tħaddim" kollha eliġibbli għal eżenzjoni skond il-Paragrafu 110(1)(1) tal-EnWG huma iżolati fissens tad-direttiva. Barra dan, l-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni tirrikjedi lil Stat Membru jippreżenta applikazzjoni lill-Kummissjoni, mentri l-Ġermanja qatt ma ppreżentat talba bħal din. Kull waħda minn dawn iż-żewġ raġunijiet tipprekludi li eżenzjoni ta' "netwerks ta' tħaddim" b'applikazzjoni tal-Paragrafu 110(1)(1) EnWG tista' bħala regola tkun ibbażata fuq l-Artikolu 26 tad-direttiva.

97. Minn dak li ntqal iktar 'il fuq isegwi li l-esklużjoni tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rigward obbligi dwar aċċess ta' terzi għal "netwerks ta' tħaddim" fi ħdan it-tifsira tal-EnWG ma tistax tiġi ġġustifikata mill-kliem, mill-kuntest u mill-iskop tad-direttiva.

## VII — Konklużjoni

98. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li t-tweġiba għad-domanda rrinvjata għandha tkun:

"L-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi, bħala regola ġenerali, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar aċċess ta' terzi għal sistemi ta' distribuzzjoni li huma lokalizzati f'żona ta' tħaddim ġeografikament konnessa u li prinċipalment iservu biex jipprovdu l-bżonnijiet ta' enerġija tal-impriża nnifisha jew ta' impriżi konnessi."